

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea RUXXIMLA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 865 742

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Frar 2020 fil-Każ R 1879/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż għall-proċedimenti tal-appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżzentat fil-5 ta' Mejju 2020 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXYMLA)

(Kawża T-248/20)

(2020/C 209/49)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Pfizer Inc. (New York, New York, L-Istati Uniti tal-Amerika)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea RUXYMLA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 865 739

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Frar 2020 fil-Każ R 1878/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż għall-proċedimenti tal-appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2020 – González Calvet vs SRB

(Kawża T-257/20)

(2020/C 209/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Ramón González Calvet u Joan González Calvet (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: P. Molina Bosch, avukat)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ġenerali:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2020/52 tas-17 ta' Marzu 2020;
- tevalwa l-assi kollha tal-grupp Banco Popular u mhux biss dawk tal-kumpannija omm separatament mill-assi tas-sussidjarji tagħha, hekk kif għamlet Deloitte, u dan peress li l-grupp kollu ġie inkorporat minn Banco Santander u mhux biss il-kumpannija omm;
- tevalwa s-self produttiv għal 100 % tal-valur tagħhom skont il-kotba;
- tevalwa s-self mhux produttiv għal 100 % tal-valur tagħhom skont il-kotba peress li l-kopertura tagħhom bejn garanziji u proviżjonament kienet qrib il-100 %;
- tevalwa l-assi tal-propjetà immobblī tal-grupp Banco Popular għal EUR 10 896 miljun, peress li l-proviżjonament korrispondenti kien digħi mnaqqas;
- tevalwa l-assi totali tal-grupp Banco Popular għal EUR 153 785 miljun skont l-argumenti mressqa fir-rikors, li jagħti valur ta' bejgħ għall-azzjonisti fil-każ ta' likwidazzjoni ta' EUR 29 365 miljun wara li jitnaqqsu EUR 124 420 miljun, li skont Deloitte, kienu dovuti lill-kredituri;
- tistabbilixxi kumpens ta' EUR 7.00 għal kull azzjoni bħala riżultat tal-qsim ta' EUR 29 365 miljun bejn 4 196 miljun ta' azzjoni li kienu pendent fil-mument tar-riżoluzzjoni;
- tagħti kumpens ta' EUR 317 072 lil Ramon González Calvet għall-esproprjazzjoni tal-45 296 azzjoni tiegħu u tagħti kumpens ta' EUR 11 977 lil Juan González Calvet għall-esproprjazzjoni tal-1 711-il azzjoni tagħha flimkien mal-ispejjeż tal-qorti.

Motivi u argumenti prinċipali

Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) iddeċieda r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u biegħu għall-prezz ta' EUR 1 lil Banco Santander. Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, wara li sema lid-detenturi ta' obbligazzjoniet u l-azzjonisti ta' Banco Popular li kienu milquta mir-riżoluzzjoni tiegħu, fid-deċiżjoni tiegħu SRB/EES/2020/52 iddetermina li l-ebda kumpens ma huwa applikabbi għal dawk affettwati fuq il-bażi tar-rapport ta' evalwazzjoni Nru 3 ta' Deloitte.